# KAPITLU 5

# IL-GALLETTINA

Qabel mar-riefnu hadhom post iehor, Sim tat l-ahhar harsa lejn il-Gnien ta’ l-Eden.

“Inti OK?” stasieha Chaz.

“Imma kif jistghu jaslu sa hawn, ma jobdux lil Alla?,” qalet Sim.

Chaz ma kellux twegiba. Ma riedx jammetti, imma hu kien irrabjat ghal imgieba tal-bnedmin. Jekk dan kien il-mod kif l-bnedmin kien jgibu ruhhom, allura huwa ma riedx ikun wiehed mill-kustodji taghhom.

Ir-riefnu waqaf hesrem u l-angli flimkien ma’ Barakjiel sabu ruhhom go bitha quddiem dar ckejkna bir-rixtellu abjad. Anglu li huma ma kienu qatt raw kien bilwieqfa fuq it-tarag tad-dar li jaghti ghall-bieb.

“Merhba Barakjiel, Merhba studenti, “ sellmilhom l-anglu.

U Barakjiel wiegbu: “ Qed niehu gost nerga’ niltaqa’ mieghek, anglu kustodju Natiel. “Gheziez studenti, Natiel hija anglu kustodju ta’ esperjenza. Bhalissa qed tiehu hsieb tifla zghira li tghix fid-dar ma’ ommha u missierha. Ghal lum filghodu,

gheziez studenti ser noqghodu hawn fid-dar biex nosservaw il-hidma ta' Natiel.

"Ghaddu, ghaddu," stedinithom Natiel u hija ghaddiet mill-bieb bhallikieku ma kienx hemm bieb. Il-klassi ta' l-angli bhal Natiel ghaddew minghajr tbatija jew sforz mill-bieb. Imxew wara Natiel ghal gol-kcina fejn tifla zghira kienet bilqieghda fuq banketta gholja hdejn ommha taraha tahmi l-gallettini.

"Mamma' nista niehu wahda?" staqsiet it-tifla hekk kif ommha harget dixx mill-form bil-gallettini mohmija sbieh u jfuhu.

"Ghaziza, hu wahda halliha tibred sew biex meta tiekolha ma tahraqx halqek. U wahda biss fhimthni? Ghax inkellha titlef l-aptit ghal ikel ta' nofsinhar," qalitilha ommha.

U t-tifla hadet gallettina u kilitha filwaqt li kienet tonfilha biex bin-nifs taghha  tberridha. U meta ratha li kilitha ommha regghet fakkritha fil-kmand li tatha: " Ma hemmx gallettini aktar, ok?"

"OK, mama, " wiegbet it-tifla.

Ommha harget mill-kamra biex titla' fuq il-bejt halli tonxor il-hwejjeg. It-tifla mill-gdid tefghet harsitha lejn il-gallettini u xammithom ifuhu. Ir-riha tfuh taghhom u t-toghma bnina taghhom li kienet ghadha kemm daqet, hajruha biex tmidd idha u tiehu ohra.

"Oh le," qalet Sim kwazi tikbi.

Chaz dar lejn l-anglu kustodju Natiel u qallu: “ Ma se taghmel xejn biex twaqqafha?”

Natiel tbissmet. Bil-kalma kollha taret lejn it-tifla u qaltilha xi haga f’widnejha.

“U x’ghidtilha go widnejha?” staqsa wiehed mill-istudenti

“Fakkartha f’dak li qaltilha ommha,” wiegbet l-anglu kustodju.

“Tisma’ minn dak li tghidilha?” staqsiet Sim

“Kultant iva u kultant le,” wiegbet Natiel. “Irridu nistennw dejjem x’ser jigri wara.”

It-tifla gabret l-oggett tal-loghob mill-art tal-kcina harset lejh u mbaghad lejn il-gallettini.

“Ma nistax inkompli nhares,” qalet Sim filwaqt li ghattiet ghajnejha.

It-tifla resqet lejn id-dixx tal-gallettini, middet idha u hadet wahda.

L-angli kollha qalu xi haga minn taht l-ilsien’xi whud jghajtu “Le taghmilx hekk, Obdi, jahasra.”

It-tifla tefghet il-gallettina kollha f’halqha u meshet xuftejha bil-komma tal-libsa. Imbaghad marret fil-kamra taghha.

“Nahseb li dak kollu ghal lum,” qal Barakjiel. “Studenti imxu warajja lejn l-Akkademja.”



Eq, eq, tifla ckejkna, tinsiex x’qaltlek il-mummy wahda biss ghax inkella ma tiekolx. Isa obdi.



“Imma…imma,” temtmet Simm

“Il-Mulej ikun mieghek, Natiel,” qallu Barakjiel.” Grazzi li lqajtna gewwa din id-dar. Ma indumux ma inkunu mieghek, okay? “

Chaz hares lejn l-anglu kustodju li kienet qed takkumpanja t-tifla gol-kamra taghha. L-anglu ma dehritx irrabjata jew inkurlata b’dak li ghamlet it-tifla. Chaz ma setghax jemmen dak li ra. Ghaliex l-anglu kustodju ma kienitx inkurlata ghaliha meta hi njorat lil ommha u l-anglu kustodju?

Mexa’ ma’ l-angli l-ohra u tfixkel ghaliex kien qed ihares lura u jimxi ‘l quddiem.

Meta qam u gie f’tieghu qal lil Sim: “ Ejja sar il-hin biex immorru.”

Sim tat harsa li Chaz u qaltlu: “Ma nahsibx li nista’ inkompli,” qaltu bid-dmugh f’ghajnejha.

Chaz hezzez snienu ma’ xulxin. “U anqas jien.”

Ir-riefnu kien diga’ beda jifforma. Chaz hataf id Sim u r-riefnu qabadhom flimkien ma’ l-angli l-ohra u garrhom lejn l-Akkademja.